QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS

**Illum 12 ta' Ottubru 2020**

**Kawża Numru: 199/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Mark Anthony Zammit**
**(ID 0325790(M))**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Mark Anthony Zammit** ta' 22 sena, iben Carmel u Marcelline nee` Stevens, imwieled il-Pieta` nhar is-7 ta' Lulju 1990 u joqgħod numru 105, Triq ta' Fjuri, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita` numru 0325790(M), jinsab akkużat talli fit-2 ta' Settembru 2012 u fit-tlett xhur ta' qabel din id-data, ġewwa dawn il-Gżejjer:

1) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (MDMA) mingħajr awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż

Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dan il-għan, tressaq il-provi sabiex turi illi r-rekwiżiti meħtiega ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu 537 huma sodisfatti;

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija[1];

Rat in oltre illi fuq talba tad-difiża, b'digriet tal-20 ta' Marzu 2019, il-Qorti ħatret lil Dr. Roberta Holland, psikologa forensika, u dan sabiex tirrelata bil-miktub dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga, b'mod partikolari d-droga *MDMA*, fit-2 ta' Settembru 2012 u fit-tliet xhur ta' qabel din id-data[2];

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Rat ukoll illi l-partijiet irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar it-talba tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ, kif ingħad, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tal-mediċina psikotropika u ristretta *MDMA* u dan b'referenza għat-2 ta' Settembru 2012 u t-tlett xhur ta' qabel din id-data, wara illi allegatament, nhar it-2 ta' Settembru 2012, huwa nstab fil-pussess ta' din is-sustanza.

Illi sabiex issostni t-talba tagħha, id-difiża ressqet is-segwenti xhieda:

1. **Cliff Zammit Stevens**, ħu l-imputat odjern, jixhed dwar il-problemi familjari li kellhom meta kienu żgħar u dan bħala riżultat tal-ġlied kontinwu bejn ommu u missieru. Huwa jispjega li missieru kien jixrob ħafna u illi meta kien jasal id-dar filgħaxija, kien isawwat lil ommu. Tal-inqas tliet darbiet f'ġimgħa, kienu jmorru ġewwa l-Għassa tal-Pulizija għall-protezzjoni. Finalment meta l-imputat kellu madwar sitt snin, il-ġenituri tagħhom isseparaw. Jispjega illi ommhom kienet tqatta' ħin twil ix-xogħol u huma kienu jqattgħu ħafna ħin waħedhom. Eventwalment, ommhom kellha relazzjoni ma' raġel ieħor, li wkoll kien abbużiv ferm fil-konfront tagħha, bir-riżultat li l-ulied ħadu lil ommhom ġewwa Dar

[1] Ara a fol. 65 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 82 tal-proċess.

Merħba Bik. Fil-frattemp, hu u ħuh (l-imputat odjern) dejjem kellhom jieħdu ħsieb lil xulxin u jipprovaw jagħmlu mill-aħjar li jistgħu sabiex ikampaw. Jgħid illi huwa kien fortunat fis-sens illi l-iskola ltaqa' ma' għalliema li għenuh, iżda ħuh ma sabx l-istess xorti u beda juża d-droga ta' eta` żgħira. F'dan ir-rigward, huwa jgħid illi qabad lill-imputat juża l-*cannabis* għall-ewwel darba, id-dar, meta l-istess imputat kellu tlettax-il sena. Jgħid in oltre illi minn dak iż-żmien is-sitwazzjoni baqgħet taggrava, u sussegwentement ġieli qabad lil ħuh, id-dar, bil-kokaina u ġieli kien hemm pilloli wkoll u skont ix-xhud "*trabijiet go plastic*"[3]. Ix-xhud jispjega illi ta' tmintax-il sena[4], huwa mar jgħix Londra u minn hemm is-sitwazzjoni tal-imputat baqgħet tiggrava. Meta kien ikellem lil ħuh, dan kien jgħidlu illi huwa kellu kontroll tas-sitwazzjoni. Meta eventwalment is-sitwazzjoni ta' ommhom kienet iżjed taħt kontroll, bdew jagħtu iżjed attenzjoni lill-imputat, sakemm f'Jannar 2017, meta skont ix-xhud il-problema kien tassew aggravat, huwa daħal fi programm ta' rijabilitazzjoni ossia l-programm tal-Oasi, Għawdex. Skont ix-xhud dak iż-żmien, l-imputat kien juża d-droga l-ħin kollu. Fi kliemu "*jibda bil-haxixa, mbaghad jibla pilloli jew coke u jahraq l-affarijiet u jpejjep il-crack, jibla valium, tant kien hemm affarijiet li niftakar li kien il-birthday tieghi, 25th August u kont rajtu barra u bhal speci tant qabadni panic, ghax dan il-bniedem lanqas nista naghrfu.*"[5] Jispjega wkoll illi wara ftit xhur li l-imputat ħareġ mill-programm, mietet ommhom għall-għarrieda, iżda saż-żmien tax-xhieda tiegħu[6], l-imputat kien miexi fit-triq it-tajba.[7]

2. **Dr. Martina Borg Stevens**, kuġina tal-imputat odjern, tixhed illi huma kienu ġirien u dejjem kienu viċin ta' xulxin stante illi l-imputat u hi huma kważi tal-istess eta`. Tgħid illi l-familja tal-imputat kellha ħajja diffiċli minħabba vjolenza domestika da parti tal-missier. Meta eventwalment il-ġenituri tal-imputat isseparaw, l-omm (u ċioe` iz-zija tax-xhud) bdiet tiffrekwenta raġel ieħor, li beda jgħix magħhom u illi wkoll kien jeżerċita vjolenza fuq omm l-imputat u għalhekk l-ulied kellhom tfulija diffiċli ferm. Tgħid illi l-imputat dejjem kien meqjus bħala l-imqareb, u iżjed ma bdew jikbru s-sitwazzjoni bdiet issir waħda iżjed serja. Tgħid illi meta l-imputat kellu madwar tnax-il sena, ommu marret irrabjata ġewwa d-dar tagħha u qalet lil ommha (omm ix-xhud) illi xi ġar kien qed ibiegħ il-ħaxixa lill-imputat odjern. Tgħid illi dak iż-żmien, ħuha kellu tmintax-il sena, u okkażjonalment kien ipejjep il-ħaxixa, u allura diġa` kienet taf

[3] A fol. 72 tal-proċess.
[4] Huwa jgħid illi huwa sena u għaxar xhur ikbar minn ħuh l-imputat.
[5] A fol. 74 tal-proċess.
[6] Ix-xhud xehed f'Ġunju 2018.

[7] A fol. 68 sa 78 tal-proċess.

x'kienu dawn l-affarijiet. Tgħid illi ħu l-imputat kien jipprova jirrabja miegħu u anke jagħmilha ta' missier, iżda ma kinux viċin wisq ta' xulxin anke għaliex kienu differenti ħafna fil-karattru tagħhom. Da parti tiegħu, ħu l-imputat kien bil-għaqal u tal-affari tiegħu u kien anke jipprova jieħu ħsieb lil ommhom. L-omm mill-banda l-oħra kienet għaddejja minn żmenijiet diffiċli u allura iktar kien moħħha fil-problemi tagħha milli fil-problemi ta' wliedha. Tgħid ukoll illi l-imputat u ħuh kienu jqattgħu ħafna ħin id-dar waħedhom u ġieli kienet tmur hi għandhom u ġieli huma kienu jmorru d-dar tagħha. Iżjed m'għadda żmien u l-imputat beda jikber, huwa beda joħroġ u ommu kienet tmur tibki d-dar tagħhom għaliex kienet tinkwieta li l-imputat kien qed joħroġ u jdum barra u kienet qed issiblu xi droga d-dar ukoll. Ma kinitx taf kif kellha ġġib ruħha miegħu. Ix-xhud tgħid ukoll illi hija ġieli kienet tmur id-dar tagħhom u kienet issib lill-imputat u lill-ħbieb tiegħu jpejjpu l-ħaxixa flimkien. Tgħid illi eventwalment l-imputat beda jdoqq bħala *DJ* u l-omm iżjed bdiet tinkwieta stante li ġieli kien jagħmel *weekends* sħaħ barra u ħadd ma kien ikun jaf fejn qiegħed. Meta bdiet toħroġ hi wkoll u ġieli kienet tiltaqa' miegħu f'xi *party*, l-imputat kien jgħidilha li ser jieħu d-droga, u hi kienet twieġbu li ma kienx hemm għalfejn jieħu d-droga biex jieħu pjaċir u li ma kinitx ser toqgħod miegħu jekk jieħu d-droga.

Tgħid ukoll illi iżjed ma beda jgħaddi żmien, iżjed bdiet tikber il-problema. Ix-xhud iżżid tgħid illi kienu jippruvaw ikellmuh dwar din il-problema tad-droga, iżda l-imputat kien baqa' fl-istess ħajja. Huwa għamel xi żmien ġewwa l-Oasi u meta ħareġ, deher li kien inbidel, iżda wara ftit reġa' beda jagħmilha mal-istess nies li kien jagħmilha magħhom qabel u reġa' qabad l-istess triq. Tgħid ukoll illi ommu mietet meta l-imputat kellu 27 sena. Sussegwentement, beda jgħix max-xhud u skont hi, għall-bidu kien sejjer tajjeb u kienu jqattgħu l-*weekends* ġewwa flimkien anke mat-tifel tal-imputat. Kienet anke żżomlu l-flus hi, fuq talba tal-istess imputat, u kienet tagħtih ftit tal-flus fil-ġimgħa u dan biex ma jkollux biżżejjed flus għad-droga.

Tgħid in oltre illi ż-żmien tal-każ odjern kien l-agħar żmien għall-imputat għaliex kien iż-żmien meta kien idoqq bħala *DJ* u kien iqatta' l-ħin tiegħu kollu barra. Wara li mietet ommu, kien reġa' waqaf għal xi żmien mill-użu tad-droga u in oltre kienet hi stess li qatlu li ma riditux f'darha taħt l-influwenza tad-droga. Jidher madankollu li l-imputat reġa' beda jagħmel użu mid-droga għaliex ix-xhud tgħid illi kontra qalbha kellha titolbu jitlaq minn darha u għalhekk l-imputat reġa' beda jgħix waħdu fid-dar ta' ommu. Skont ix-xhud, minn hemm induna li ma setax jibqa' jgħix f'dik il-ħajja u beda jmur għand psikologu u anke għand l-Aġenzija Caritas,

> fejn marret hija wkoll sabiex tara kif setgħet tgħinu. Tgħid b'referenza għaż-żmien tax-xhieda tagħha, illi l-imputat kien sejjer tajjeb, li ma kienx baqa' joħroġ bħal qabel u li kien anke jieħu ħsieb lil ibnu fil-*weekend*.[8]

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti ħatret lill-psikologa forensika Dr. Roberta Holland sabiex tirrelata dwar jekk fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga, b'mod partikolari fuq il-mediċina ristretta u psikotropika *MDMA*.

Mix-xhieda[9] u r-relazzjoni tal-espert Dr. Holland[10] jirriżulta in kwantu użu ta' sustanzi, illi ta' disa' snin, l-imputat beda jpejjep is-sigaretti u sussegwentement ta' tnax-il sena, beda jagħmel użu mill-*cannabis*. Fi ftit żmien, beda jakkwista l-*cannabis* għalih u jpejjep ġeneralment waħdu jew inkella mal-ħbieb tiegħu. Sakemm kellu ħmistax-il sena beda jpejjep b'rata ta' madwar erba' darbiet f'ġimgħa. Ta' din l-eta`, beda joħroġ f'postijiet ta' divertiment u jattendi l-*parties* u stante illi l-*cannabis* ma tantx baqa' jkollha effett fuqu, ried jipprova xi ħaġa oħra u għalhekk beda jesperimenta bl-*MDMA* u sustanzi psikotropiċi oħrajn. Dwar dan l-espert tgħid hekk fir-relazzjoni tagħha:

> "*L-istorja ta' użu kienet tipika hekk kif beda juża l-MDMA f'kull party li jmur, għall-ewwel fi tmiem il-ġimgħa. Iżda sa ftit wara, kien beda jattendi parties iżjed spiss, u kien hemm xi żmien meta kien iservi bħala deejay u għalhekk il-frekwenza żdiedet. B'kongruenza mal-ħajja ta' divertiment li kien qabad, u iktar liberta` la beda jikber, l-użu tal-MDMA żied ukoll fl-ammont fejn beda jieħu diversi pinnoli f'lejl wieħed sabiex jibqa' għaddej. Kultant l-użu kien estensiv u b'mod kompulsiv u kien jibqa' għaddej matul lejl sħiħ fejn jiddeskrivi episodji ta' bingeing. Għalkemm minn darba għal oħra jgħid li ma kienx iħoss kilba, hu jgħid li wasal f'punt fejn ma setgħax imur party mingħajr ma jieħu. Qal ukoll li jekk kien hemm drabi fejn kellu għażla ta' żewġ attivitajiet, il-parties kienu jieħdu prijorita` u parti mir-raġuni għal dan kien li hemmhekk seta' juża l-MDMA bħala parti mid-divertiment tiegħu. Jidher għalhekk li kien rabba reazzjonijiet ikkundizzjonati li hija indikazzjoni oħra tan-nuqqas ta' kontroll li kellu fuq l-użu. Kien hemm drabi fejn anke jekk ma kienx joħroġ ma' sħabu, kienu jibqgħu id-dar ta' xi ħadd minnhom u ġieli użaw l-MDMA apparti droga oħra. Fil-fatt, sa qabel kellu l-każ kien beda jabbuża minn droga oħra u jekk ma kienx juża MDMA fil-ġranet li ma jattendix parties, kien ikun taħt l-effett ta' xi droga*

[8] Ara din ix-xhieda a fol. 83 sa 95 tal-proċess.
[9] A fol. 98 sa 103 tal-proċess.
[10] Din tinsab esebita a fol. 104 sa 127 tal-proċess.

*oħra. F'dak iż-żmien, kien għadu jmur l-MCAST u spiss falla mill-attendenza wara xi lejl barra. Hawn jidher in-nuqqas ta' responsabbilta` tiegħu lejn l-obbligi jew rwol tiegħu bħala student. Ma jidhirx li kien hemm xi effetti sinifikanti fuq il-bqija ta' ħajtu, jew tibdil drammatiku fl-imġieba, iżda jirrealizza li kien iqatta' ħafna minn ħinu fil-parties, jara kif se jakkwista flus, juża d-droga, jew jirkupra mill-effetti. Kien qabad stil ta' ħajja irresponsabbli u l-użu ta' l-MDMA u drogi oħra kien parti minn dan l-istil.*

*Qabel ma għalaq l-għoxrin sena, b'rata mhix daqshekk spissa, iżda b'ċertu regolarita`, kien beda jesperimenta u jabbuża wkoll minn sustanzi oħra inkluż ecstasy, kokaina, l-eroina, droga sintetika u sustanzi psikotropiċi oħrajn. Fil-fatt donnu id-dipendenza tiegħu progressat minn sustanza għall-oħra hekk kif beda jikber u jbiddel is-sors jew lok ta' divertiment, pero` dejjem baqa' b'ritmu li f'diversi ġranet mill-ġimgħa hu kien juża xi droga, u dejjem baqa' juża iżjed minn droga waħda fl-istess żmienijiet.*"

L-espert imbagħad titkellem dwar id-droga kokaina li l-imputat beda jagħmel użu minnha wara l-każ odjern u kif hu dam jagħmel użu minn din is-sustanza għall-perijodu ta' xi tlieta jew erba' snin. Tgħid illi fir-rakkont tal-imputat dwar l-użu tal-kokaina da parti tiegħu, jidher ċar il-livell għoli ta' dipendenza li huwa rabba fi ftit żmien fuq din is-sustanza u kif fost affarijiet oħrajn, ħajtu kienet pjuttost kaotika f'dan iż-żmien. Meta kellu madwar ħamsa u għoxrin sena, huwa mar għall-programm residenzjali fi ħdan l-Oasi, iżda stante li ħaseb li kien għeleb il-vizzju, huwa telaq wara inqas minn xahar u f'qasir żmien, reġa' beda jabbuża mill-kokaina. Xahar wara għamel tentattiv ieħor u din id-darba rnexxielu jsegwi l-programm kollu b'suċċess. Minn dak iż-żmien, l-imputat irnexxielu jibqa' fil-maġġor parti astinenti, għalkemm ġieli għamel użu mid-droga b'mod sporadiku jew okkażjonali. L-użu tal-*cannabis* baqa' dejjem regolari matul is-snin u kien hemm bidla żgħira biss wara li l-imputat għamel il-programm. Madankollu l-bidla kienet hemm, sab iżjed stabbilita` fil-qasam tax-xogħol u bħal rabba xi ftit maturita`, u in oltre r-relazzjonijiet mal-familjari tiegħu u anke dawk soċjali tjiebu wkoll. L-imputat reġa' rkada fil-perjodu meta mietet ommu, fejn reġa' beda juża l-*cannabis* b'mod iżjed spiss diversi drabi kuljum u l-kokaina b'mod inqas regolari iżda f'diversi okkażjonijiet u b'tali mod li ġieli ma marx għax-xogħol jew naqas mill-obbligi tiegħu. Hawnhekk induna li kien ser jerġa' jaqbad it-triq tan-niżla u fittex l-għajnuna. Skont l-imputat huwa ilu astinenti mill-kokaina għal madwar erba' xhur, u għalkemm

naqqas mill-użu tal-*cannabis*, xorta baqa' jagħmel użu moderat fuq bażi regolari u kważi ta' kuljum.

Dwar l-użu tad-droga da parti tal-imputat b'mod ġenerali, l-espert wara li tirreferi għat-trobbija tal-imputat, tkompli tgħid illi:

> "*Id-droga kienet timlilu vojt emozzjonali li ma kienx kapaċi jirrisolvi adekwatament, fejn il-bidla minn droga għall-oħra kienet waħda progressiva skont l-eta` li kellu, l-attivitajiet li kien involut fihom, il-ħbieb li kellu u anke skond il-livell ta' tolleranza li kien rabba. Donnu iżjed milli dipendenza fuq xi sustanza partikolari għal tul ta' żmien, kellu dipendenza ġenerali mid-droga li kien iħoss il-bżonn li juża xi sustanza jew oħra. F'perjodi differenti hu kien dipendenti mis-sustanza li kienet prominenti f'ħajtu f'dak il-perjodu speċifiku. Din id-dipendenza tidher fil-fatt li matul dawn l-aħħar tlettax-il sena, hu dejjem baqa' juża xi droga jew oħra b'livelli li juru nuqqas ta' kontroll*".[11]

L-istess espert imbagħad tikkonkludi illi "*l-imputat kien dipendenti mill-MDMA u mill-kannabis fiż-żmien ta' Settembru tal-2012 u mill-kokaina fiż-żmien ta' wara*"[12]. Dwar l-użu tal-*MDMA*, l-espert tgħid illi "*Skond id-DSM-5, huwa mmarka ħames kriterji mis-sintomi neċessarji dwar diżordni fl-użu ta' l-MDMA fejn il-klassifikazzjoni finali kienet ta'* **Moderate MDMA Use Disorder [304.40].** *Skond l-ICD-10, huwa mmarka erba' kriterji minn sitta, u dan huwa biżżejjed sabiex issir djanjosi ta' dipendenza. Id-djanjosi hija ta'* ***F15.20 Mental and behavioural disorder due to use of other stimulants***."[13] Dwar il-*cannabis*, il-klassifikazzjoni tad-diżordni fl-użu kienet ta' ***Moderate Cannabis Use Disorder [305.30]***. Skont l-istess espert, għalkemm dan il-livell ta' dipendenza jidher li kien wieħed moderat, wieħed faċilment jikkonkludi illi d-dipendenza hija severa meta wieħed jinnota li l-użu tal-*cannabis* ma waqaf qatt u saħansitra għadu sejjer sal-ġurnata tal-lum. Dwar l-użu tal-kokaina, l-espert tikkonkludi in oltre illi d-dipendenza kienet waħda severa, illi din bdiet wara l-każ odjern u ssostitwixxiet id-dipendenza fuq l-*MDMA*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kemm mix-xhieda ta' Cliff Zammit Stevens u ta' Dr. Martina Borg Stevens, kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland, m'hemmx dubju illi l-imputat beda jagħmel użu mid-droga minn eta` tenera ħafna u baqa' jagħmel użu minnha għal snin sħaħ, sakemm kien biss fix-xhur qabel ġiet ippreżentatha

[11] A fol. 121 tal-proċess.
[12] A fol. 122 tal-proċess.
[13] A fol. 123 tal-proċess.

r-relazzjoni tal-espert, illi huwa qata' għal kollox id-droga kokaina, fil-waqt illi sa dakinhar kien għadu jagħmel użu mill-*cannabis,* b'mod regolari u kważi ta' kuljum.

Illi fid-dawl ta' din ix-xhieda u b'mod partikolari tal-konklużjonijiet tal-espert minnha nominata, il-Qorti m'għandhiex dubju illi fiż-żmien mertu tal-każ odjern, apparti illi l-imputat kien dipendenti fuq il-*cannabis,* huwa kien dipendenti wkoll fuq il-mediċina psikotroprika u ristretta *MDMA* u minkejja illi skont l-istess espert id-dipendenza fuq is-sustanza *MDMA* kienet waħda moderata, tenut kont ukoll tal-kontenut tar-relazzjoni tagħha u b'mod partikolari l-partijiet ċitati iżjed 'il fuq, tenut kont in oltre taċ-ċirkostanzi tal-każ u illi allegatament l-imputat instab fil-pussess ta' tmint iqratas kontenenti s-sustanza *MDMA* proprju hekk kif kien dieħel jew kien qiegħed f*'party,* il-Qorti tqis illi ġie sodisfaċentement ippruvat illi r-reat kien sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, fit-termini tal-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, imbagħad, jeħtieġ illi jkun hemm "*raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*". Dwar id-dipendenza tal-imputat fuq id-drogi *MDMA* u fl-aħħar snin fuq id-droga kokaina, l-espert tgħid illi "*Illum il-ġurnata, is-sitwazzjoni hija ħafna iżjed pożittiva peress li l-imputat għadu biss juża il-kannabis...Rigward drogi oħra, ta' min jinnota, li għalkemm waqaf, dan ma ilux għal xi tul ta' żmien konsiderevoli peress li l-aħħar relapse li kellu kienet inqas minn sena ilu. Il-fatt li reġa' rnexxielu jieqaf, flimkien ma' effetti pożittivi oħra, u mat-tama ta' iżjed maturita` u motivazzjoni, joffru kuraġġ u livell għoli ta' kunfidenza li hu kapaċi jibqa' astinenti. Pero`, kif intqal, għadu kmieni wisq sabiex wieħed jassigura li l-imputat lest li jibqa' l-bogħod mid-droga għal-futur meta wieħed iħares iżjed fit-tul*".[14]

Fir-rigward tal-*MDMA* u d-droga kokaina, m'hemmx dubju illi l-imputat għamel sforz u anke progress sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza tiegħu fuq dawn is-sustanzi, tant illi fiż-żmien tar-relazzjoni tal-espert, huwa kien ilu xi erba' xhur astinenti kompletament minn din id-droga. Verament illi, kif tgħid l-istess espert, dan huwa perjodu relattivament qasir, madankollu l-attitudni tal-imputat lejn din il-problema nbidlet ukoll, tant illi meta reġa' rkada wara l-mewt ta' ommu, huwa għaraf li kien reġa' qabad it-triq tan-niżla u fittex l-għajnuna minn jeddu. Il-ħajja tiegħu b'mod ġenerali wkoll inbidlet u llum għandu stabbilita` li ċertament ma kellux fil-passat. Huwa minnu wkoll illi l-imputat

[14] A fol. 124 tal-proċess.

baqa' jagħmel użu mill-*cannabis* b'mod regolari, iżda anke f'dan ir-rigward il-Qorti tqis illi tenut kont tad-dipendenza tal-imputat fuq diversi tipi ta' droga matul is-snin, is-sitwazzjoni tiegħu ċertament illi tjiebet u f'dan is-sens għalhekk il-Qorti ma tistax ma tqisx illi sar progress sostanzjali da parti tiegħu.

Finalment, tqis ukoll illi l-ammont ta' droga allegatament misjuba fil-pussess tal-imputat ma jeċċedix l-ammont ta' droga elenkat fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali u dan fit-termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Ikkunsidrat is-suespost, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet li trid il-liġi jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-imputat **Mark Anthony Zammit** quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat